# Il-Flambu

*minn Toni Calleja*

Daħal fostna ċirka sittin sena ilu, imma ma saddadx ... il-**flambò**. Flambu hija kelma li l-Malti addotta mill-Franċiż, minflok *flambeaux* li tfisser fjamma. F'terminoloġija sempliċi, il-flambu huwa xorta ta' torċa, ban mixgħul, fjakkola mdaqqsa li tinġarr fl-id, kull xorta ta' mnara, ukoll imżejna, li tinġarr f'marċ, purċissjoni eċċ. Imma aħna, hawnhekk, irridu proprjament infissru dik ix-xamgħa b'ilqugħ ta' speċi ta' lembut eżagonali tal-karta stampat fuq is-sitt iġnub tiegħu b'figuri u innijiet Marjani. Il-flambu kien jinġarr mid-devoti li jkunu jakkumpanjaw purċissjonijiet hekk teknikament magħrufa bħala ***aux flambeaux***.

Fil-liturġija d-dawl għandu diversi tifsiriet, u ma jfissirx biss att ta' qima lejn dik il-persuna jew spirtu qaddis li quddiem ix-xbieha tiegħu/tagħha jitpoġġa jew jinġarr. Id-dawl fost ħwejjeġ oħra jfisser il-fidi u l-imħabba li biha għandhom ikunu mimlija l-insara, il-grazzja divina eċċ. Ifisser ukoll l-erwieħ qaddisa, li fil-Vanġelu huma msejħa "ulied id-dawl" ***(San Ġwann, 12,36)***. Għalhekk is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti fit-30 ta' Ottubru 1922 wieġbet li jista' jinxtegħel dawl fuq l-oqbra tal-mejtin għaliex b'hekk ikun jitfisser it-twemmin u l-professjoni ta' min jixgħelhom fil-qawmien mill-mewt u fil-ħajja ta' dejjem.

Il-flambu, kif qed nifhmu biss f'dil-kitba, u mhux xort'oħra, iddaħħal u ntuża l-ewwel darba f'Malta nhar it-28 ta' Mejju 1949 waqt korteo ***aux flambeaux*** li telaq minn ħdejn Kastilja sal-Fosos tal-Furjana fejn kellu jkun organizzat 'Lejl Qaddis' fl-okkażjoni tal-Kungress Provinċjali Marjan. Għas-suċċess tal-organizzazzjoni aħjar ta' din il-manifestazzjoni ta' fidi li bħalha qatt ma kienet għadha dehret f'Malta, kien spjegat li ħadd ma seta' jieħu sehem fil-korteo u jidħol fuq il-Fosos jekk ma jkollux it-tessera, ix-xama' u l-fanal, naturalment b'riferenza għall-flambu. Avviż imxandar fil-gazzetti kien jgħid li l-ħlas tal-kitba, liema kitba kienet tintitola lil dak li jkun għal ktieb stampat apposta, tessera, xama' u fanal, kienet ta' 4d (ċirka €0.03) biss (*Leħen is-Sewwa*, 4 ta' Mejju 1949; p. 4).

F'Għawdex, il-flambu ddaħħal ukoll fl-istess żmien u ċirkustana. Il-Kungress Marjan fil-gżira tat-Tliet Għoljiet kien inawgurat nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju 1949 fl-okkażjoni tal-wasla tal-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, imbierka u inkurunata mill Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII fis-6 ta' Marzu tal-istess sena. L-imsemmija statwa inġabet direttament minn Fatima u nħadmet mill-famuż skultur Portugiż Komm. Jose Ferreira Thidim, li kien ingħata s-salib *Pro Ecclesia et Pontefice* mill-Papa Piju XII. L-istatwa tal-Madonna hija kopja eżatta ta' dik li tinsab f'Fatima, fil-post tad-Dehriet. Il-perċimes sabiex inġabet Għawdex kien Dun Ġużepp Mizzi tax-Xagħra. Fil-preżent din l-istatwa djoċesana tinsab ivvenerata fil-Knisja tal-Madonna ta' Ħamet wara li l-ħafna sforzi mill-Kappillan tal-Għasri Dun Ġużepp Borg biex din tinżamm fil-Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju kienu sfaw fix-xejn.

Intant, skont il-programm imxandar nafu li l-Madonna kellha tasal il-Belt Vittorja fit-8.30 ta' filgħaxija tal-Ħadd, 5 ta' Ġunju. Mal-wasla tagħha kellha ssirilha taħdita ta' merħba minn Mons. Mikiel Cefai, Arċipriet tar-Rabat. *"Imbagħad l-istatwa tal-Madonna tiġi mdaħħla fil-Katidral fost **mixgħela aux flambeaux** u kant ta' inni ta' tifħir lis-Sultana tas-slaten u l-funzjoni tispiċċa bil-kant tas-Salve"* (*Leħen is-Sewwa*, 4 ta' Ġunju 1949, p. 5).

Wara l-Katidral, il-Madonna ta' Fatima ddawret mal-parroċċi kollha ta' Għawdex fejn intlaqgħet b'purċissjonijiet u kortej ***aux flambeaux.*** Il-konkorrenza tal-poplu kienet kotrana kullimkien. Kulħadd ried jimmanifesta l-fidi u juri r-ringrazzjamenti tiegħu lil Ommna Smewwija għall-interċessjoni tagħha waqt il-perikli tat-Tieni Gwerra Dinjija. Għalkemm li din kienet intemmet, l-effetti kiefra tagħha kienu għadhom ijassru popli sħaħ: diqa ta' qalb għall-qraba li tilfu ħajjithom f'ħidmet il-għadu ħajjen, bini mġarraf u ekonomija ħażina li kaġun tagħha ħafna rġiel, kapijiet ta' familja, kienu qed ikollhom jeżiljaw ruħhom f'artijiet frustieri biex jaqilgħu l-għajxien.

Il-Madonna ta' Fatima żaret l-Għasri bejn il-Ħdud, 26 ta' Ġunju u l-10 ta' Lulju 1949 rispettivament ***(ara ritratt).*** Matul dawn il-ħmistax, fl-Għasri saret kemm l-illuminazzjoni ad unur tal-Madonna, kif wieħed jista' jara aħjar f'***IL-KORPUS*** 6 (1989), pp. 37-38 u 18 (1999), pp. 73-74. L-ewwel aċċenn speċifiku għall-użu tal-flambù fl-Għasri, insibuh appuntu għal dak l-ewwel jum li fih il-Madonna ntlaqgħet hawn ir-raħal: *"**Kien il-Ħadd 26 ta' Ġunju meta n-nies tal-Għasri nġabru ħdejn iċ-Ċimiteru taż-Żebbuġ biex jilqgħu l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima mill-Parroċċa taż-Żebbuġ li minn hawn ittieħdet** **[l-Għasri]** **b'korteo aux flambeaux**"* (*Il-Berqa*, 14 ta' Lulju 1949, p. 7). Imbagħad insibuh jerġa' jintuża nhar l-10 ta' Lulju fil-korteo tal-aħħar jum tal-qagħda tal-Madonna fl-Għasri: *"in-nies tal-Għasri nġabret fil-pjazza prinċipali biex tieħu l-istatwa fil-parroċċa tal-Għarb. B'ordni perfett in-nies akkompanjat lill-Madonna f'korteo* ***aux flambeaux*** *sal-limiti tal-Għasri fost rużarju u kant ta' innijiet lil Madonna"* (*Leħen is-Sewwa*, 23 ta' Lulju 1949; p. 6).



L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima ta' Għawdex, għax għal Malta kienet saret oħra apparti, li allura kienet waslet f'din il-gżira f'jum Għid il-Ħamsin, spiċċat iddur l-imkejjen kollha ta' Għawdex nhar il-Ħadd, 20 ta' Novembru 1949. Dakinhar kienet iffesteġġjata l-festa tal-għeluq fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. *"F'din il-knisja l-Madonna ta' Fatima kien ilha mit-2 ta' Ottubru u tul daż-żmien, fl-ewwel ġimgħat, ta' kuljum kienu jsiru 'kortej'* ***aux flambeaux*** *sakemm il-Madonna żaret it-toroq u l-isqaqien kollha tal-Belt Victoria"* (*Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Ottubru 1949; p. 3).

Affaxxinata mid-drawwa ġdida u devota tal-kortej u purċissjonijiet bil-flambù, il-wisq rinomata poetessa Għawdxija Mary Meylak, f'ittra li ppubblikat f'ġurnal lokali għoġobha tissuġġerixxi li: *"Billi did-drawwa devota tal-purċissjonijiet **aux flambeaux** f'dan il-Kungress Marjan daħlet fostna u ntgħoġbot ferm, nixtieq ħafna li issa nibdew napplikawha wkoll meta nakkompanjaw is-Santissimu Vjatku kif ukoll fil-purċissjonijiet kollha li jsiru bis-Santissimu Sagrament. Il-proprjetarji tal-fabbriki tax-xemgħa għandhom jaħsbu jistampaw fil-fanali l-kliem tal-Pange Lingua, u n-nies flok l-innijiet tal-Madonna meta takkompanja s-SSmu. Sagrament tibda tkanta l-istrofi tal-Pange Lingua. Kulħadd għandu jixtri flambeau u jħallih id-dar għal meta tinqala' l-okkażjoni li jrid jakkompanja s-Santissimu".*

Mary Meylak żiedet turi l-fehma tagħha u esprimiet li: *"Nixtieq ħafna li r-Rev.mi Sinjuri Arċiprieti u Kappillani jirrikkmandaw dil-ħaġa lill-poplu u nittama li l-membri tal-Azzjoni Kattolika u tal-Mużew ikunu l-ewwel nies li jagħtu eżempju biex indaħħlu din id-drawwa f'pajjiżna ... Nibdewha mela? ... Iva nibdewha! ... L-ewwel Vjatku li jdoqq bil-fanali immorru nakkompanjaw!"* (*Leħen is-Sewwa*, 19 ta' Ottubru 1949; p. 2).

Waqt li nissuġġetta ruħi għall-korrezzjoni, mingħajr tlaqliq ngħid li l-appell ħerqan tal-poetessa Mary Meylak, minkejja li kien jagħmel ħafna sens, qajla sab art fertili. L-ewwel nett, iż-żmien li fih għamlitu kien tali fejn l-affarijiet f'Għawdex kienu qed jinbidlu radikalment u b'mod mgħaġġel. It-tieni, għall-Vjatku Solenni, in-nies, privatament, u l-knejjes parrokkjali, ġa kellhom disponibbli ammont ta' fanali u għaldaqstant mhux lakemm jibdluhom mal-flambù li kien għadu ġdid u trid tħallas għalih. Tajjeb kemm kien tajjeb il-flambù, ta' b'xejn aħjar minnu! It-tielet, mal-mogħdija taż-żmien, il-Vjatku beda jsir rarità għax aktar u aktar nies, lejn l-aħħar ta' ħajjithom, bdew ikunu rikoverati fl-isptarijiet u fid-Djar tal-Anzjani. Infatti, f'Marzu tal-1959, Dun Eddie Borg Olivier, artiklu li kiteb f'ġurnal lokali, appuntu semmieh: ***Kemm sar rari tara għaddej Vjatku*** (*Leħen is-Sewwa*, 28 ta' Marzu 1959, p. 3). Fl-aħħar nett, għax bil-bidla tal-fanali tal-pitrolju mal-luċelettrika, it-toroq f'Għawdex bdew ikunu mdawwla aktar minn biżżejjed.

Intant, tlett okkorrenzi djoċesani Għawdxin oħra ta' portata kbira fejn il-pubbliku inġenerali ntalab jagħmel użu sħiħ mill-flambù seħħew fl-1950, fl-1951 u fl-1960. Fil-25 ta' Novembru 1950, fl-okkażjoni tal-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta tal-1 ta' Novembru, sar pellegrinaġġ ***aux flambeaux*** mill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ għas-Santwarju Ta' Pinu minn fejn inġieb il-Kwadru Mirakoluż biex ikun espost għal qima tad-devoti fl-imsemmija parroċċa (Koli Apap, *Festi tad-Domma tal-Assunta f'Għawdex, f'Leħen is-Sewwa*, 9 ta' Diċembru 1950; p. 15). Fl-14 ta' Ġunju tal-1951, meta fl-okkażjoni tas-700 sena tal-Labtu, il-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta kien inġieb fi gżiritna, in-nies tax-Xagħra u tax-Xewkija kienu mistiedna biex iwasslu ***aux flambeaux*** l-imsemmi kwadru mill-Kappella ta' Ħamet sa *Villa Gauci* (*Leħen is-Sewwa*, 13 ta' Ġunju 1951; p. 5). Fl-1960, fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji Pawlini, il-flambù ntuża ħafna fil-korteo bl-istatwa ta' San Pawl mill-Munxar għall-Katidral u lura nhar l-20 u l-31 ta' Lulju rispettivament. Intuża wkoll fil-korteo li sar bl-istatwa ta' San Pawl ta' Marsalforn, nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju. L-istatwa twasslet Marsalforn mill-Qbajjar permezz ta' dgħajsa kbira tas-sajd. Wara sar korteo ***aux flambeaux*** għall-Menqa fejn saret ċerimonja grazzjuża ħafna.

Bħalma aċċennajna fil-bidu, il-flambù f'pajjiżna kellu ħajja qasira ferm. Jien naħseb li minn tal-aħħar li baqa' jintuża kien fl-Għasri. Sa kmieni s-snin sittinijiet tas-seklu l-ieħor kien għadu jintuża fil-purċisssjonijiet bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima



**Għasri, 3 ta' Mejju 1989.** Korteo bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima bil-parteċipazzjoni tal-Kleru u l-poplu taż-Żebbuġ fl-okkażjoni ta' għeluq il-250 sena mit-tberik tal-Knisja tal-Patroċinju (08 Mej 1739), u l-200 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Bażilika (10 Mej 1789)

meqjuma fil-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju. Dan nista' nixhed għalih jien stess għax niftakar sewwa. U x'purċissjonijiet impressjonanti kienu jkunu dawk! U x'tentazzjoni kbira kien ikun il-flambù f'idejna t-tfal ... kontinwament nippruvaw naħarqu wieħed tal-ieħor. X'ma jirrabjax u jdoqqilna ġo rasna l-Kappillan Dun Karm Vella! Ma konniex nagħmlulu ta' xiex, jabbni.

Annwalment, fi dħul Mejju, l-istatwa devota tal-Madonna ta' Fatima tal-Għasri kienet tinġab proċessjonalment ***aux flambeaux*** minn *tal-Wied* għall-knisja parrokkjali biex tkun esposta għall-qima tad-devoti tul ix-xahar kollu. Fi ħruġ Mejju, l-istatwa kienet titniżżel mill-ġdid tal-Patroċinju b'korteo ***aux flambeaux*** ieħor.

Fit-13 ta' Mejju 1959 l-Għasri wkoll kien fornut bid-dawl elettriku u qisu l-flambù tilef l-użu tiegħu. Bħalma ġa aċċennajna fil-bidu, teknikament, il-flambù ma kienx intenzjonat biss biex idawwal it-triq, iżda wkoll turija ta' fidi u mħabba lejn il-Madonna. Imma xorta, meta ġie d-dawl in-nies bdiet taraha ħaġa taċ-ċajt tipprova ddawwal it-triq b'nemniema ta' xemgħa meta l-bozoz tal-luċelettrika, għalkemm ħdejn illum kienu qishom imsiebaħ, għal dakinhar, kienu qishom xmux!

Nazzarda ngħid li daż-żmien il-flambù hawn ħafna li lanqas biss jaf x'inhu jew x'kien u nilgħab ġidi kollu li min jiftakru xorta nsieh kompletament! Biss hawn Għawdex meta okkażjonalment tinqata' l-provvista tal-elettriku, ma tistagħġibx issib min jgħidlek li erġajna ġejna għal żmien il-flambù! Kien żmien sabiħ ukoll, u minkejja n-nostalġija li għandi tiegħu, ma nixtiqux jerġa jiġi. *L-eċeritke aħjuor!*